# Nikotina

Rita Saliba

Darba argumentajna. Niftakrek tqum minn mal-mejda u tonfoħ id-duħħan 'il barra f'wiċċi.

Għedtli li xbajt tisma' l-istess prietki, taħsel snienek qabel tbusni, toħroġ tpejjep fil-gallarija għax ngħidlek li r-riħa tas-sigaretti tidħol ġo xagħri, ġo ħwejġi. Iddejjaqt tbiddel qomos meta jkunu ġejjin il-ħbieb id-dar għax ngħidlek li għalkemm inħaslu, xorta waħda baqgħu jrejħu n-nikotina.

Bqajt tkellimni rilassat u sammartni mas-siġġu nisimgħek. Għajnejk ħomor wara snin jitgħammxu quddiem il-ġamra ma wrew l-ebda ħjiel ta' emozzjoni. Ma kontx qed tara x'kienu qed jagħmlulek? Ħadulek ruħek. Bilkemm għaraftek mill-ewwel darba li ltqajt miegħek, f'dik id-diskoteka. Ftit kien impurtani jekk kontx tpejjep. Kulħadd l-istess riħa kellu fuqu. Stordejna qalb arja mtappna u ħsejjes itarrxu. Intlifna f'dirgħajn xulxin. Riħtek għoġbitni.

Tlaqt u sabbatt il-bieb. Erġajt ħabbatt, u għal mument qalbi bdiet tħabbat b'tama li ddispjaċiek, indunajt li ma tistax tgħix mingħajri. Iżda hekk kif ftaħt, għajnejk ma rawnix. Ħarstek kienet vojta, tfittex. Bqajt dieħel fil-kċina ġġib pakkett sigaretti li kont ħallejt warajk.

Bqajna biss ħbieb. Wara ftit bgħattlek messaġġ. Għedtlek li sibt lil xi ħadd li jieħu ħsieb saħħtu, jiekol organiku u jħobb il-ħajja. Ġejt għall-funeral tiegħu u għannaqtni meta rajtni se nogħtor hekk kif niżżluh fil-qabar. Għaddast rasi ġo sidrek. L-aħħar sigarett li pejjipt daħallek fil-pavru tal-kowt. U jien ġbidt nifs 'il ġewwa.